MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Numru. 148/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**VS**

**LUKE BUGEJA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Luke Bugeja, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 170785 (M).

**Akkuzat talli:**

Fit-12 ta` Frar, 2013, ghal habta tal-hdax ta` filghodu (11:00am) gewwa Msida:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta` xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra PS 1575 Robert Fava li huwa membru fil-Korp tal-Pulizija u cioe` li kien inkarigat minn servizz Pubbliku fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi bi ksur ta` Artikolu 96 (a) tal-Kodici Kriminali;

2. Ukoll talli ingurja jew hedded li jaghmel offiza fuq il-persuna ta` Mark Borg Busuttil, ID 423264 (M), u cioe` bhala wiehed li hu inkarigat skont il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz bi ksur ta` Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` PS 1575 Robert Fava fil-periklu car, bhala Ufficjal Pubbliku waqt il-qadi ta` dmirijietu, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe` feriti ta` Natura Hafifa skont certifikat mediku ta` Dr. U. Wilhelm, M.D. Reg. No. 3924 bi ksur ta` Artikolu 222 (c) tal-Kodici Kriminali;

4. Irrifjuta li jghati lil PS 1575 Robert Fava bhala ufficjal inkarigat minn servizz Pubbliku waqt li kien fil-qadi tad-dmirijiet tieghu, id-dettalji u partikularijiet;

5. Ghex hajja ta` ghazz u vagabundagg;

6. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet Pubbliku;

7. Ukoll talli ma obdejtx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;

8. Ukoll talli wettaq reat fi zmien operattiv ta` Sentenza ta` Magistrat Dr. Gabriella Vella, LL.D., moghtija nhar is-6 ta` Frar, 2013.

F'kas ta`sejbien ta` htija, l-Qorti giet gentilment mitluba tiehu kunjizzjoni ta` Sentenza ta` Magistrat Dr. Gabriella Vella, LL.D., moghtija nhar is-6 ta` Frar, 2013, Bugeja kien mghoti liberta kundizzjonata ghal zmien sena.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 96 (a), 95 u 222 (c) tal-Kodici Kriminali;

Wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Wara li semghet ix-xhieda tal-imputat kif ukoll xhieda ohra;

Wara li rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Dina l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni;

Dina l-Qorti tifhem illi r-reazzjoni tal-imputat ghal dan l-incident u incidenti ohra jista` jkun dovut ghal fatt illi huwa jinsab insikur fis-socjeta` u li ghalhekk jista` jkun illi ghandu bzonn sabiex jigi ippuntat fid-direzzjoni t-tajba.

Il-Qorti tiddeciedi prigunerija ezekuttiva ta` erba` (4) xhur a tenur tal-Artikolu 96 A tal-Kodici Kriminali u tordna li hu jinzamm fil-facilita` tal-forensika sabiex jittermina dan il-perjodu ta` prigunerija, kif ukoll dina l-Qorti qiedgha tqeghdu taht *probation order*, fis-supervizjoni tal-*probation officer* Glen Grixti ghal perjodu ta` sena (1) sabiex hemmhekk huwa jissorvelja *anger management* illi ghalih l-imputat ghandu jigi sottomess.

Il-Qorti tordna l-Direttur tal-Habs jigi avzat b'dan l-arrangament.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------